8 ta' Frar, 1946.

**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Wara l-atti tas-Subasta**

**Rosa Borg** *versus* **Avukat Dr. Frank Chetcuti et. ne.**

**Digriet — Digriet Interlokutorju — Appell.**

***Il-Liġi tal-Proċedura Ċivili tagħna ma tagħtix appell minn digriet li ma hux digriet interlokutorju.***

*Għalhekk min irid jimpunja digriet ma jistax jimpunjah per mezz ta' appell, imma per mezz ta' ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti, u mis-sentenza li tingħata fuq dik iċ-ċitazzjoni iżda eventwalment ikun hemm ukoll appell. Imma appell minn digriet b'sempliċi rikors bħal ma jsir fil-każ ta' digriet interlokutorju huwa null u ta' ebda effett.*

**Il-Qorti** — Rat ir-rikors ta' Robert Lapira quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, prezentat fis-27 ta' April 1945, fejn ippremetta li b'rikors tas-27 ta' Marzu 1945, huwa kien talab ir-revoka "contrario imperio" tad-digriet fejn ġie ordnat il-bejgħ fis-subasta ta' kwota ta' fondi li d-debitur jipposjedi indiviżament miegħu u ma' ħutu, appuntu in vista ta' dik l-indiviżjoni; u li dik il-Qorti b'digriet tal-25 ta' April 1945, ordnat li jsiru l-proċeduri skond il-liġi mingħajr ma ndikat minn għandu jagħmilhom; u peress li huwa jifhem li l-proċeduri għandhom isiru minn għand l-eżekutanti għar-raġunijiet indikati fl-istess rikors; għalhekk talab illi dik is-subasta għandha titqies bħala sospiża sakemm l-eżekutanti ma tkunx otteniet sentenza rigward id-diviżjoni tas-sustanzi li minnhom il-fondi subastati jiffurmaw parti;

Rat id-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Ottubru 1945, fejn ċaħdet it-talba tar-rikorrent; wara li kkunsidrat;

Illi s-subasta li tiġi magħmula kontra wieħed mill-eredi fuq porzjoni indiviża għandha tiġi sospiża u mhux revokata, sakemm isiru l-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi, u intant b'dak ir-rikors ir-rikorrent ma talabx is-sospensjoni, iżda r-revoka ta' l-atti tas-subasta;

Illi għalhekk l-ordni tagħha mogħti bid-digriet tal-25 ta' April 1945, ma għandux jiftiehem illi l-Qorti ordnat li jsiru l-proċeduri għall-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-beni indiviżi, iżda għandu jiftiehem illi r-rikorrent għandu jipproċedi "in contradittorio" relattivament għat-talba magħmula bl-imsemmi rikors tas-27 ta' Marzu 1945;

Illi għalhekk ma hemmx lok għad-dikjarazzjoni mitluba;

Rat ir-rikors ta' Robert Lapira fejn talab ir-revoka tad-digriet fuq imsemmi tas-27 ta' April 1945, billi jiġi deċiż illi

s-subasta għandha tiġi sospiża sakemm l-eżekutanti tottjeni sentenza rigward id-diviżjoni tas-sustanzi li minnhom il-fondi subastati jiffurmaw parti, u għalhekk jiġi milqugħ ir-rikors tas-27 ta' Marzu 1945 kif modifikat b'rikors tas-27 ta' April 1945: bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi skond is-sistema tal-Liġi tal-Proċedura Ċivili tagħna, it-titolu li jikkontempla d-digrieti, is-sentenzi u l-appelli (Titolu VI), isemmi li s-sentenzi tal-Qrati ta' l-Ewwel Istanza huma appellabili lil din il-Qorti, barra minn ċerti każi speċjali, u jagħti l-mod u t-termini ta' dan l-appell. Il-liġi mbagħad tgħaddi għad-digrieti interlokutorji, u tgħid illi minn dawn id-digrieti hemm anki appell; u peress illi l-emendi li kienu introdotti bl-Ordinanza XV ta' l-1913 irrendew dawn id-digrieti appellabili, jekk immedjatament, b'forma iżjed sempliċi mill-appell ordinarju, ċjoè per mezz ta' rikors ta' żmien qasir, u dan biex il-proċdura tkun iżjed spedita u ma jkunx hemm protilazzjonijiet inutili. Il-liġi ma qalet xejn fuq digrieti li mhumiex interlokutorji; u għalhekk, ladarba l-leġislatur semma s-sentenzi u semma d-digrieti interlokutorji, vwoldiri illi appell minn digriet li mhux interlokutorju ma jkunx hemm. Tant huwa dan veru illi fil-pratika forensi, speċjalment f'dawn il-proċeduri ta' subasti, meta jsir rikors għal xi provvediment u jkun hemm l-oppożizzjoni tal-kontroparti, il-Qorti, skond pratika inveterata, tagħti digriet fis-sens li tordna li r-rikorrent jipproċedi skond il-liġi, preċiżament kif sar anki f'dan il-każ permezz tad-digriet tal-25 ta' April 1945. Allura r-rikorrent li jkollu interess jimpunja dak id-digriet, jew li s-subasta tiġi sospiża, jew li jittieħed kwalunkwe provvediment ieħor, jaġixxi permezz ta' ċitazzjoni quddiem l-istess Qorti in kontradittorju ma' dik il-parti li opponietlu t-talba tiegħu; u allura jkollu sentenza li minnha ċertament ikollu dritt għall-appell. B'dan il-mod l-impunjazzjoni ta' digrieti simili jistgħu jiġu quddiem din il-Qorti; iżda mhux permezz ta' sempliċi rikors ta' appell mid-digriet ta' l-Ewwel Qorti li ma jkollux in-natura ta' digriet interlokutorju;

Tikkunsidra ;

Illi l-forma ta' l-appell u *ż-żmien* stabbilit bl-art. 227 tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili (skond ir-"Revised Edition") huma mogħtija mill-leġislatur għad-digrieti interlokutorji, u ma jidherx li hemm ebda forma kif jista' jsir dak l-appell u ż-żmien *meħtieġ fil-każ ta' digrieti definitivi* ; preċiżament għaliex, "ut *sic*", *ma* hemmx appell minnhom, salva l-proċedu*ra* in kontradittorju fuq imsemmija ;

Tant huwa hekk illi l-leġislatur fl-art. 170, 739, 849 tal-Kodiċi *fuq imsemmi (Revised Edition)*, qal li d-*digrieti* hemm imsemmija huma inappellabili, preċiżament għaliex dawk huma digrieti interlokutorji, u għalhekk kellu neċessarjament igħid li huma inappellabili, biex jeċċettawahom mir-regola ġenerali ta' l-appellabilità tad-*digriet interlokutorji* ;

Għal dawn ir-raġunijiet ;

Tiddikjara u tiddeċidi illi l-appell magħmul mir-*rikorrent* mid-digriet fuq imsemmi *huwa null u bla ebda effett legali*, bl-ispejjeż relativi kontra l-appellant Lapira ; salv lil dan kwalunkwe dritt iehor li ji-ta' jkollu skond il-liġi, "si et quatenus".